MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2005

Appell Civili Numru. 839/2005/1

**Carmelo Borg**

**v.**

**Il-Ministru responsabbli mill-Gustizzja u l-Intern u
l-Avukat Generali tar-Repubblika ghal
kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' Ottubru 2005 li permezz

taghha dik il-Qorti cahdet “it-talbiet kollha attrici”, bl-ispejjez kontra l-attur. Permezz ta’ citazzjoni presentata fl-14 ta’ Settembru 2005 l-attur Carmelo Borg fisser li hu kien ghaddej proceduri ta’ estradizzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja, sedenti l-Onorevoli Magistrat Dott. J. Apap-Bologna, liema proceduri kienu qed jittiehdu a bazi ta’ *European Arrest Warrant*

**“…li fid-dritt taghna insibuha fil-ligi sussidjarja bin-numru 276.2005 hekk kif dahlet fis-sehh permezz ta’ l-Avviz Legali 320/2004 u 289/2005. Dan jidher car mil-mod kif ipproceda l-Avukat Generali fil-konfront ta’ l-attur fil-proceduri hawn fuq citati;**

**“U premess illi l-attur jirrileva li din il-ligi sussidjarja saret bis-sahha moghtija lill-Ministru responsabbli mill-Gustizzja taht l-Artikolu 28 tal-Kapitolu 276 tal-ligijiet ta’ Malta;**

**“U premess illi apparti minn hekk jirrizulta wkoll illi l-Qorti hawn fuq indikata hekk kif ippresjeduta hija bhala Qorti tal-Magistrati [Malta] fis-Sede Istruttorja taghha. Ghalhekk japplikaw ukoll dawk id-disposizzjonijiet fil-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta dwar il-Qorti Istruttorja li hija Qorti li fis-sustanza taghha tigbor il-provi tal-prosekuzzjoni, kif ukoll tisma’ u tigbor kull prova li f’dak l-istadju jkun irid iressaq l-imputat [f’dan il-kaz l-attur] stess. Dan jidher car ukoll mid-diversi referenzi li hemm fil-Kap. 276 ghal dawn id-disposizzjonijiet;**

**“U premess li tali ligi sussidjarja tipprekludi lill-attur milli jressaq provi halli jikkontradici l-akkuzi migjuba kontra tieghu minn Qorti jew Tribunal barrani, f’dan il-kaz it-*Tribunale di Modica*, salv ghal dak provvdut fir-Regolament Numru 13 ta’ l-istess ligi sussidjarja;**

**“U premess illi min-naha l-ohra l-istess prosekuzzjoni taht l-istess ligi sussidjarja mhix tenuta illi ttella’ provi almenu sal-grad tal-*prima facie* dwar l-istess akkuzi migjuba kontra l-attur.**

**“U premess illi ghalhekk il-konvenut Ministru meta ghamel tali ligi sussidjarja mar oltre l-poteri moghtija lilu mir-*Relevant Act* u cioe` il-Kapitolu 276 u mar kontra l-istess disposizzjonijiet u spirtu tal-ligi principali;**

**“U premess illi l-attur isostni illi din il-ligi sussidjarja bhal kull ligi sussidjarja ohra ghandha tigi interpretata fl-ambitu tal-*Parent* jew ir-*Relevant Act*;**

**“U premess illi l-Ministru konvenut bl-ghemil tieghu meta huwa dahhal fis-sehh tali ligi sussidjarja taht il-Kap. 276 idderoga mill-Att principali bhal li kieku tali ligi sussidjarja kienet xi ligi specjali;**

**“U premess ghalhekk illi tali ghemil tal-konvenut Ministru huwa wiehed *ultra vires* ghaliex mar oltre l-poteri vestiti fih permezz tal-Kap. 276 ai termini ta’ l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;**

**“U premess illi ghalhekk tali ghemil amministrattiv tal-Ministru konvenut meta huwa dahhal fis-sehh tali ligi sussidjarja ghandu jigi iddikjarat null, invalidu u bla effett…”**

wara li l-attur ippremetta dan kollu, huwa talab li l-konvenuti, jew min minnhom, ighidu ghala l-Prim Awla ma kellhiex

**“1. Prevja kull dikjarazzjoni li hija thoss li hija neccessarja u opportun[a] fic-cirkostanzi, tiddikjara illi l-ghemil amministrattiv hawn fuq spjegat imur kontra l-Artikolu 469A(1)(b) tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;**

**“2. Tiddikjara illi tali ghemil amministrattiv huwa null, invalidu u bla effett;**

**“3. Konsegwentement tannulla l-ligi sussidjarja bin-numru 276/05 hekk kif dahlet fis-sehh permezz tal-Avviz[i] Legali 320/2004 u 289/2005.”**

2. L-attur ippresenta wkoll rikors[1] ghas-smigh bl-urgenza, ghal liema urgenza il-konvenuti ma opponewx[2], u l-ewwel Qorti laqghet it-talba. Permezz tan-nota ta' eccezzjonijiet taghhom tas-26 ta' Settembru 2005 il-konvenuti eccepew hekk:

**"1. Preliminarjament illi l-ghemil ta' legislazzjoni sussidjarja jikkostitwixxi att legislattiv li ma jaqax fl-ambitu ta' dak li huwa sindakabbli skond l-Artkolu 469A tal-Kap. 12 u dan b'mod partikolari billi l-istess artikolu huwa applikabbli biss ghal dawk l-atti illi jaqghu fid-definizzjoni ta' "att amministrattiv" li tinsab fl-istess Art. 469A sub-inciz (2). Illi ghalhekk stante li l-azzjoni hija bazata unikament fuq l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 u fuq l-inkwadrar skorrett ta' att legislattiv bhala wiehed amministrattiv, l-istess azzjoni kif proposta hija karenti minn fondament guridiku;**

**"2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess illi fil-kaz li jigi deciz illi meta l-Ministru ghamel jew gab fis-sehh l-Avviz Legali in kwistjoni huwa wettaq att amministrattiv fit-termini tal-Art. 469A tal-Kap. 12, ikun jirrizulta illi l-azzjoni hija perenta bit-trapass tat-terminu ta' sitt xhur stipulat fl-Art. 469A(4) tal-Kap. 12;**

**"3. Subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, illi l-Avviz Legali 320/2004 kif emendat [3] bl-Avviz Legali 289/2005 li nhareg biex jimplimenta d-Decizjoni Kwadru tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tat-13 ta' Gunju 2002 fuq il-Mandat ta' Arrest Ewropew u l-Proceduri ta' Konsenja sar skond il-ligi u skond il-poteri moghtija lill-Ministru permezz tal-Art. 7 tal-Kap. 276 li jipprovdi li meta ssir Ordni skond dak l-Artikolu, l-Att ikollu effett "skond dawk il-kondizzjonijiet, eccezzjonijiet, addattamenti jew modifiki kif jista' jigi specifikat fl-Ordni";**

[1] Fol. 7 ta' l-atti.
[2] Ara risposta a fol. 10.
[3] Recte: integrat

**“4. Fi kwalunkwe kaz it-talbiet ta’ l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom ikunu michuda bl-ispejjez kontra l-attur li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni tieghu.”**

3. Kif inghad, bis-sentenza taghha tas-6 ta’ Ottubru 2005 il-Prim Awla tal-Qorti Civili irrespingiet it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-attur. Dana ghamlitu wara li kkunsidrat is-segwenti:

**“Fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu l-attur jikkonferma li huwa jikkontesta il-validita’ tal-ligi sussidjarja fuq il-proveimenti tal-artikolu 469A tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta).**

**“Appuntu dan l-artikolu tal-Kapitolu 12 jittratta dwar “stharrig gudizzjarju ta’ azzjoni amministrattiva.” Konsegwentement l-ghemil li l-attur qed jippretendi li hu null u invalidu jrid ikun fin-natura tieghu amministrattiv u mhux ta’ xi xorta ohra. Dan l-istess artikolu jiddefinixxi “ghemil amministrattiv” li tfisser “il-hrug ta’ kull ordni, licenza, permess, warrant, decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta xi persuna li jsir minn awtorita’ pubblika, izda ma tinkludix xi haga li ssir bl-ghan ta’ organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita”;**

**“L-istess artikolu ukoll jipprovdi li – “Kawza biex twaqqa eghmil amministrattiv …. ghandha ssir fi zmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta jsir jaf, skond liema jigi l-ewwel, b’dak l-eghmil amministrattiv”;**

**“Il-konvenuti jsostnu li att in kwestjoni jirrigwarda ghemil ta’ legislazzjoni sussidjarja u ghallhekk hu att legislattiv u qatt ma jista jigi konsidrat bhala att amministrattiv skond l-imsemmija provedimenti tal-Kapitolu 12. Din is-sottomissjoni tal-konvenuti zgur li mhux fis-sens li ligi sussidjarja ma tistax tkun**

**suggetta ghall-iskrutinju tal-Qrati izda hi fis-sens li l-azzjoni odjerna ma kellix tkun ibbazata fuq il-provedimenti tal-imsemmi artikolu 469A, li jittrattaw biss eghmil amministrattiv;**

**"Skond l-attur l-ambitu tal-provedimenti in kwestjoni jinkludu kull "ordni li jssir minn awtorita' pubblika" u l-legislazzjoni sussidjarja in kwestjoni hi imsejjha u r-referenza ghaliha hi dejjem bhala "ordni". Il-ligi sussidjarja stess hi intitolata bhala 'Ordni Dwar Pajjizi Barranin Appuntati Dwar L-Estradizzjoni'. Dan nonostante, pero', m'hemmx dubju li l-att in kwestjoni li dwaru qed jilmenta l-attur hu att legislattiv u ma jista qatt jigi ritenut li huwa att amministrattiv. L-attur stess fin-nota tieghu jqis li dan hu att legislattiv u jghid li ligijiet sussidjarji huma ta' natura eccezzjonali fis-sens illi hija eccezzjoni ghar-regola kostituzzjonali bazika illi huwa l-Parlament illi ghandu s-setgha legislativa. Ghalhekk jidher li l-attur stess qed jaccetta li hawnhekk ghandna att legislattiv u mhux amministrattiv;**

**"Konsegwentement din l-azzjoni tal-attur ma kellix issir a bazi tal-provedimenti tal-Kapitolu 12 in kwestjoni. B'hekk it-talbiet attrici, bbazati kif inhuma, ma jistghu qatt jigu akkolti. Hawnhekk ghandu jigi enfasizzat li jekk Ministru, jew xi awtorita` ohra, jghamel xi ligi sussidjarja u joltrepassa l-awtorita' moghtija lilu mill-ligi stess li a bazi taghha qed jillegisla sussidjarjament dik l-istess ligi sussidjarja hi nulla u bla effett. F'dawn il-kazijiet il-Qrati tghana ghandhom kull setgha li jissindikaw tali ligi u eventwalment jiddikjarawha bhala li hi "ultra vires" u ghalhekk nulla u bla effett;**

**"F'dan ir-rigward ghandu jinghad ukoll, ghal kull buon fini, li lanqas ma jirrizulta li il-Konvenut il-Ministru ecceda l-awtorita` moghtija lilu mill-att rilevanti meta giet promulgata il-ligi sussidjarja in kwestjoni. Dan qed jinghad in vista tal-provedimenti tal-artikolu 7 tal-Kap 276 li jipprovdi li meta ssir xi legislazzjoni sussidjarja, skond l-istess artikolu tali legislazzjoni**

**jkollha effett “skond dawk il-kondizzjonijiet, eccezzjonijiet, addattamenti jew modifiki kif jista jigi specifikat fl-Ordni”. Jidher ukoll li fl-istess legislazzjoni sussidjarja hemm dawk is-slvagwrdji kollha necessarji, ghar-rigward ta’ dan it-tip ta’ legislazzjoni. B’hekk hawnhekk ma jirrizutax li dan huwa kaz ta’ “substantive ultra vires.”;**

**“L-ilment basiku tal-attur hu li skond il-legislazzjoni sussidjarja, f’dan l-istadju huwa prekluz milli jipproduci provi. Tali provediment hu wiehed li jappartjieni il-meritu mentri sa dan l-istadju is-salvagwardji kollha ghandom jkunu intizi ghall-arrest u ghal estradizzjoni. F’dan l-istadju, ukoll, il-prosekuzzjoni hi limitata ghar-rigward tal-provi li tista’ tipproduci.**

**“Hawnhekk si tratta ta’ legislazzjoni sussidjara li hi specjali u tirregola il-procedura li trid tigi segwita ghar-rigward ta’ estradizzjoni ta’ dan it-tip. Ghalhekk ma tistax issir referenza ghal principji generali li jesistu fil-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Inoltre l-artkolu 15(1) tal-Kap 276 jipprovdi li l-Qorti tal-Magistrati ghandha l-funzjoni ta’ qorti rimandanti u li ghall-finijiet tal-procedimenti skond dak l-artikolu il-poteri li ghandu jkollha huma bhal tal-Qorti Istruittorja biss *safejn jista’ jkun* u dan dejjem salvi dawk il-kondizzjonijiet, eccezzjonijiet, addattamenti jew modifiki kif jista’ jigi specifikat b’ xi Ordni li l-Ministru ghandu s-setgha li jaghmel taht l-artikolu 7 ta’ l-istess Kap;**

**“Jirrizulta sufficjentement li l-Ministru konvenut ippubblika l-Avvizi Legali in kwistjoni bis-sahha tas-setghat moghtija lilu bl-artiklu 7 tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kap 276 tal-Ligijiet ta’ Malta u liema artikolu jghati lill-Ministru poteri wiesgha kif gia gie indikat. Jidher ghalhekk li l-avvizi legali in kwestjoni gew promulgati biex tigi implimentatas Decizjoni Kawdru tal-Kunsill ta’ l-Unjoni Ewropea tat-13 ta’ Gunju 2002 fuq il-Mandat ta’ Arrest Ewropew u l-Proceduri ta’ Konsenja, huma skond il-ligi u skond il-**

**poteri moghtija lill-Ministru permezz ta-Artikolu 7 tal-Kap 276;**

**"In vista tal-premess l-eccezzjonijiet tal-konvenuti ghandhom jigu akkolti u b'hekk it-talbiet attrici ghandhom jigu rigettati."**

4. L-attur appella minn din is-sentenza. Fir-rikors ta' appell tieghu huwa ressaq zewg aggravji. L-<u>ewwel</u> aggravju hu fis-sens illi hu ma jistax jaqbel ma' l-interpretazzjoni "restrittiva" li l-ewwel Qorti tat lid-definizzjoni ta' "eghmil amministrattiv", u dan ghal diversi ragunijiet. L-appellant fl-ewwel lok jikkontendi li l-Ministru jaqa' taht id-definizzjoni ta' "awtorita` pubblika" kif ikkontemplat fl-Artikolu 469A. Fit-tieni lok hu jghid li galadarba l-Ministru "ghazel illi jsejjah tali legislazzjoni bhala Ordni", ghalhekk din taqa' taht id-definizzjoni ta' eghmil amministrattiv. Fit-tielet lok, l-appellant ighid illi hu "…jasal biex jaqbel ma' l-ewwel Qorti illi fis-sustanza taghha din m'hija 'ordni' xejn izda hija ligi sussidjarja fl-aqwa taghha…", izda jinsisti li kienet proprju l-azzjoni, kif minnu proposta, ta' stharrig gudizzjarju li kienet dik idonea f'dan il-kaz, u mhux dik ta' l-"actio popolaris" skond l-Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni, galadarba l-argument tieghu kien li meta l-Ministru konvenut ghamel il-ligi sussidjarja in kwistjoni huwa kien uzurpa l-poteri lilu moghtija mill-Att principali. Kwantu ghat-<u>tieni</u> aggravju ta' l-appellant, dan huwa bazikament fis-sens li huwa, cioe` l-appellant, ma jistax jifhem kif galadarba l-ewwel Qorti iddecidiet li l-ligi sussidjarja mhix eghmil amministrattiv, dahlet biex tezamina jekk il-ligi sussidjarja in kwistjoni kienitx *ultra vires* o meno. Galadarba l-ewwel Qorti dahlet "fuq il-meritu", l-appellant jaghmel diversi sottomissjonijiet fir-rikors tieghu biex juri li l-Ministru konvenut (u illum appellat) agixxa *ultra vires* il-ligi principali meta ghamel l-Ordni in kwistjoni. L-appellant jinseg diversi argumenti ibbazati fuq dak li huwa jsejjah id-"distinzjoni cara u netta bejn l-Artikolu 7 u 28 tal-Kap. 276."

5. Il-konvenuti appellati, fir-risposta taghhom tal-25 ta' Ottubru 2005, jaghtu r-ragunijiet ghaliex, skond huma, s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma.

Kemm l-appellant kif ukoll l-appellati ippresentaw rikorsi li permezz taghhom talbu li dana l-appell jinstema' b'urgenza minhabba r-rabta tal-kaz mal-proceduri ta' estradizzjoni. B'digriet moghti fit-28 ta' Ottubru 2005, din il-Qorti laqghet it-talba ghall-urgenza u appuntat is-smigh ta' l-appell ghal bierah 7 ta' Novembru 2005.

6. Din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti kollha tal-kawza, kif ukoll wara li semghet it-trattazzjoni ta' l-abbili difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-bierah, tinsab fil-posizzjoni li tista' taghti s-sentenza llum.

7. Hu evidenti li l-ewwel punt li jrid jigi deciz – u dan stante l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti quddiem l-ewwel Qorti, liema eccezzjoni qed izommu ferma anke fir-risposta ghar-rikors ta' appell – huwa jekk il-fatt li l-Ministru responsabbli mill-Gustizzja ghamel u/jew gab fis-sehh il-legislazzjoni sussidjarja in kwistjoni jammontax ghal "eghmil amministrattiv" ghall-finijiet ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12. L-attur appellant rabat ic-citazzjoni tieghu – mhux biss ghal dawk li huma premessi izda wkoll ghal dawk li huma t-talbiet – ma' l-Artikolu 469A imsemmi. Fi kliem iehor, it-talbiet tieghu huma necessarjament pre-ordinati ghas-sejbien jew ghad-dikjarazzjoni da parti ta' din il-Qorti li dik il-legislazzjoni sussidjarja u/jew il-bidu fis-sehh taghha tammonta ghal "eghmil amministrattiv".

8. Jibda biex jinghad li d-distinzjoni li l-attur donnu ipprova jaghmel fic-citazzjoni – distinzjoni li, pero`, ma elaborax dwarha sia quddiem l-ewwel Qorti kif ukoll quddiem din il-Qorti – u cioe` bejn il-"ligi sussidjarja" *ut sic* u "l-ghemil [tal-Ministru] meta huwa dahhal fis-sehh tali ligi sussidjarja" (ara c-citazzjoni, *supra*) hija wahda ghal kollox artificjali. Id-data tal-bidu fis-sehh ta' l-Ordni dwar Pajjizi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni tinsab fl-artiklu 1 [4] ta' dan l-Ordni, u ghalhekk hija parti integrali mill-istess ligi sussidjarja – ghalkemm din il-Qorti taghmilha cara li anke li kieku l-bidu fis-sehh sar b'ordni <u>separat</u>, xorta wahda dak l-ordni l-iehor kien jammonta ghal ligi sussidjarja.

[4] Ghal xi raguni l-legislatur ghazel li jirreferi ghad-diversi disposizzjonijiet ta' din il-ligi sussidjarja bhala "artikli" flok "regolamenti"

9. Din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-appellant li l-ligi sussidjarja in dizamina u/jew il-bidu fis-sehh taghha jammonta ghal "eghmil amministrattiv" ghall-finijiet ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12. Din il-ligi u/jew il-bidu fis-sehh taghha hija eminentement att jew eghmil legislattiv, ghalkemm imwettqa[5] mir-ram Ezekuttiv tal-Gvern fuq delega tar-ram Legislattiv. Ghalkemm huwa veru li diversi awturi Inglizi, meta jirreferu ghal decizjonijiet li jittiehdu mill-amministrazzjoni pubblika, spiss jiddistingwu bejn funzjonijiet legislattivi, amministrattivi, gudizzjarji u ministerjali ta' tali amministrazzjoni pubblika[6], fis-sistema legali taghna qatt ma gie dubitat li ligi sussidjarja tista' tigi sindakata mill-Qorti ta' gurisdizzjoni ordinarja – in effetti mill-Prim Awla – biex wiehed jara jekk tali ligi hix *intra vires* jew *ultra vires* is-setghat moghtija mill-Parlament. Id-dritt ta' kull persuna li titlob lill-Qorti li hekk tissindika tali ligijiet illum huwa garantit bl-Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni meta moqri flimkien mad-definizzjoni ta' "ligi" moghtija fl-Artikolu 124(2) ta' l-istess Kostituzzjoni (bi dritt ta' appell skond kif provvdut fl-Artikolu 95(2)(e) ta' l-istess Kostituzzjoni, cioe` lill-Qorti Kostituzzjonali u mhux lil din il-Qorti). Meta l-legislatur, bl-emendi introdotti[7] fl-Artikolu 742 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili permezz ta' l-Att VIII ta' l-1981 ipprova jirrestringi u jillimita l-istharrig gudizzjarju ta' l-eghmil amministrattiv, kien evidenti li dawn l-emendi ma kienu b'ebda mod jolqtu jew jirreferu ghall-istharrig gudizzjarju tal-validita` ta' ligijiet, sia jekk principali u sia jekk sussidjarji. Mod iehor, kien ikun ifisser li dawk l-emendi kienu jokkozzaw mal-imsemmi Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni. Ghalhekk, anke meta dawn l-emendi gew abrogati fl-1995 u minflokhom dahal l-Artikolu 469A, kien evidenti li dana l-artikolu ma kien b'ebda mod intiz biex imiss jew xort'ohra jirregola il-"judicial review" ta' ligijiet – stharrig gudizzjarju li baqa' bla mittiefes proprju in virtu` tal-garanzija kontenuta fl-Artikolu 116.

[5] Jew, biex wiehed b'ebda mod ma jippregudika ghal mument il-meritu tal-kwistjoni dwar l-*ultra vires*, "allegatament imwettqa".
[6] Ara, per ezempju, S. A. de Smith ***Constitutional and Administrative Law*** 3rd edition, Penguin Books Ltd. (Harmondsworth) 1977, pp. 514-515.
[7] U li llum jinsabu mhassra.

10. Ghandu jigi osservat, inoltre, li d-definizzjoni ta' "eghmil amministrattiv" fis-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 469A hija wkoll cara fil-portata taghha. Ghall-finijiet ta' l-imsemmi Artikolu 469A l-espressjoni "'ghemil amministrattiv' tfisser il-hrug ta' kull ordni, licenza, permess, *warrant*, decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorita` pubblika…". L-argument ta' l-appellant li ghax il-Ministru ghazel li jsejjah din il-ligi sussidjarja "ordni" allura din taqa' fid-definizzjoni ta' "eghmil amministrattiv" ghall-finijiet tal-Artikolu 469A huwa argument li din il-Qorti tista' biss tikkwalifikah bhala banali. Mhux biss il-kelma "ordni" fid-definizzjoni imsemmija trid neccessarjament tigi interpretata *eiusdem generis* mal-kliem "licenza", "permess", "*warrant*", "decizjoni" u "rifjut ghal talba", izda, kif tajjeb osservaw l-appellati fir-risposta taghhom, il-kelma "ligi" skond l-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap. 249) tinkludi <u>kull dokument li jkollu s-sahha ta' ligi</u>. Fi kliem iehor, il-kelma "ordni", bhalma tista' tintuza bhala l-isem ta' xi ligi – minflok, per, ezempju, "regolamenti" – tista' wkoll tintuza fis-sens ta' ordni amministrattiv li jkun jikkwalifika bhala "eghmil amministrattiv" ghall-finijiet ta' l-imsemmi Artikolu 469A. Din il-Qorti taghmilha cara li hija konxja li hemm divergenza bejn it-test Malti u t-test Ingliz tad-definizzjoni ta' "eghmil amministrattiv" – it-test Ingliz ighid "'administrative act' <u>includes</u>…" – izda, apparti li t-test Malti jipprevali[8], dan ma jnaqqas xejn mill-forza ta' l-argument kontenuta f'dan il-paragrafu.

11. Punt iehor ta' minn isemmi fir-rigward ta' jekk hawn si trattax o meno ta' "eghmil amministrattiv" li jaqa' taht l-Artikolu 469A huwa illi kieku din il-Qorti kellha taccetta t-tezi ta' l-attur appellant, ikun ifisser li ghall-impunjazzjoni tal-validita` ta' ligi sussidjarja bhalma hi dik in dizamina – ghax wara kollox l-appellant m'hux qed jikkontesta li l-"Ordni" in dizamina huwa ligi sussidjarja – ikun japplika t-terminu ta' dekadenza ghal tali impunjazzjoni ta' sitt xhur imsemmi fis-subartkolu (3) ta' l-Artikolu 469A, meta ebda tali terminu ma hu previst fl-Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni.

[8] Artikolu 74 tal-Kostituzzjoni.

12. Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti quddiem l-ewwel Qorti (kif hawn aktar 'l fuq riprodotta) kienet wahda valida u li kellha tintlaqa', kif effettivament jidher li ntlaqghet mill-ewwel Qorti. Pero`, galadarba hekk intlaqghet, dik il-Qort messha waqfet hemm u mhux dahlet biex tezamina jekk il-legislazzjoni sussidjarja in kwistjoni kienitx *intra* jew *ultra vires* – haga li se mai kellha twassal ghal appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u mhux quddiem din il-Qorti. Ghalhekk din il-Qorti mhix ser tidhol fit-tieni aggravju sollevat fir-rikors ta' appell.

13. Ghal dawn ir-ragunijiet u fis-sens biss premess (u cioe` ghax l-azzjoni giet malament maghmula in forza ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12), din il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' dana l-appell ghandhom jigu sopportati mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------